PDF Compressor Pro

Kommemorazzjoni tas-Sette Giugno

Minn Għawdex b'kitba u ritratti ta' Charles Spiteri

F'Għawdex ġiet imfakkra l-ġrajja storika tas-Sette Giugno nhar il-Ġimgħa 5 ta' Ġunju, b'ċelebrazzjoni ta' quddiesa mill-Arċipriet Mons. Carmelo Refalo, fil-Knisja Kolleġġjata Bażilika ta' Marija Bambina fix-Xagħra. Mons. Refalo għamel ukoll kelmtejn tal-okkażjoni.

Il-lezzjoni nqrat mis-Sindku Joe Cordina, waqt li l-offerti ttellgħu minn diversi, fosthom mill-Kunsilliera Mary Carmen Bajada u miċ-Ċermen tal-Kumitat Festi Nazzjonali u Reġjonali Vincent Grech u Kevin Sciberras Ċermen Kunsill tal-Kultura.

Fi tmiem iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa tkanta l-Innu Malti.

Iċ-ċerimonja tkompliet bi programm kommemorattiv fi Triq Bullara ħdejn id-dar fejn kien joqgħod Giuseppe Bajada, li nhar is-7 ta' Ġunju,1919, inzerta kien Malta u kien wieħed minn dawk li nqatlu



Is-Sindku Joe Cordina jaqra l-lezzjoni

waqt l-irvellijiet li saru mill-Maltin kontra l-Ingliżi sforz iċ-ċirkostanzi politiċi. Hawnhekk, mal-ħajt tad-dar, wieħed isib irħama li tfakkar din il-ġrajja.

Il-Kavallier Joe M. Attard qara l-poeżija 'L-Irġulija' tal-Maltin' tal-Ġiżwita Fr G. Delia. Waqt li Miriam Christine Borg kantat 'L-Aħħar Bidwi f'Wied il-Għasel' ta' New Cuorey u 'L-Emigrant' ta' Karm Fenech.

Wara li ndaqq il-'Last Post' u r-'Reveille', mill-membri tal-Forzi Armati ta' Malta, Gunners Jason Borg minn Kerċem u Jason Camilleri min-Nadur tqiegħdu bukketti ta' fjuri, mal-ħajt tad-Dar fejn kien joqgħod Ġużeppi Bajada, minn diversi, fosthom il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, is-Sindku tal-Lokalità, Joe Cordina, iċ-Ċermen tal-Kumitat Festi Nazzjonali u Reġjonali Vincent Grech, Raymond Bonello, Segretarju tax-Xagħra United F.C., u Joseph Bajada, President tal-Kumitat Sezzjonali tal-Partit Laburista.

Iċ-ċerimonja spiċċat bil-kant tal-Innu Malti. Preżenti kien hemm ukoll is-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, l-Avukat Chris Said.



Waqt it-tlugħ tal-offerti. Tidher il-Kunsilliera Mary Carmen Bajada




Miriam Christine Borg fuq il-piano fi Triq Bullara



Waqt id-daqq tal-Last Post mill-membri tal-Forzi Armati ta' Malta, Gunners Jason Borg u Jason Camilleri



Uħud minn dawk preżenti għall-kommemorazzjoni tas-Sette Giugno, fosthom il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono u l-eks Speaker Anton Tabone



L-Arċipriet Mons. Carmelo Refalo waqt il-kelmtejn tal-okkażjoni




Ivan Attard l-organista tal-Kor Nativitas waqt il-kommemorazzjoni fil-Knisja Kolleġġjata Bażilika ta' Marija Bambina



Il-Ministru Giovanna Debono tpoġġi bukkett ward mal-ħajt tad-dar fejn hemm l-irħama ta' tifkira

Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott - *Hard Cover*



Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott. Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti
Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald**
PO Box 330 Merrylands NSW 2160
jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**
Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.

Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna